MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI RIMANDANTI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2010

Numru. 450/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dr Mario Cuschieri)**

**Vs**

**Vitali Kaer**

Il-Qorti,

Rat illi l-imsemmi Vitali Kaer maghruf minn issa bhala "l-estradant", kif juri l-anness alert (fol 7 sa fol 9 tal-atti) mahrug fuq talba tal-"Northern Circuit Prosecutur's Office" ta' Talin fl-Estonja huwa mfittex mill-Awtoritajiet Gudizzjarji kompetenti tal-Estonia, pajjiz skedat skond l-artikolu 5 tal-Avviz Legali 320 tal-2004 ghar-reati ta' serq (embezzlement) u ricettazzjoni u ghalhekk din il-Qorti qed tintalab sabiex tipprocedi fil-konfront tal-persuna ai termini tal-artikoli u disposizzjonijiet tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta'

Malta dwar l-estradizzjoni u l-imsemmi Avviz Legali numru 320/2004.

Rat il-mandat ta' arrest u tfittxija mahrug mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-konfront tal-istess persuna (fol 6 tal-istess atti).

Rat ic-certifikat mahrug mill-Avukat Generali mahrug ai termini tal-artikoli 6A u 7 tal-istess Avviz Legali 320/2004 (fol 10 u fol 11 ibid).

Rat il-Mandat ta' Arrest Ewropew mahrug fil-konfront tal-persuna u dan bil-lingwa Ingliza (fol 13 sa fol 17 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat waqt is-seduta tal-17 ta' Mejju 2010.

<u>Ikkunsidrat</u>
Illi, kif jidher mill-verbal tas-seduta hawn fuq citat, il-persuna, prezenti l-abili Avukat difensur tieghu, ta l-kunsens tieghu, u dan volontarjament sabiex jigi mreggi lura lejn l-Awtorita Gudizzjarja nvoluta sabiex jingieb ghar-reati addebitati lilu skond il-mandat ta' arrest ewropew in ezami liema kunsens inghata mill-istess persuna minghajr ma rrinunzjat ghall-"law of speciality" u dak kollu imnizzel fl-istess verbal.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tordna li l-istess Vitali Kaer jinzamm taht kustodja sabiex jistenna l-estradizzjoni tieghu lejn l-Estonja, liema estradizzjoni skond l-istess verbal hawn fuq citat tista' issir anke qabel is-sebat (7) ijiem specifikati fil-ligi. Inoltre l-istess ordni ta' estradizzjoni qed issir soggetta ghall-artikolu 43(3) tal-Avviz Legali numru 320 tal-2004 fis-sens illi l-persuna ma hiex qed tirrinunzja ghall-imsemmija "rule of speciality" u ghalhekk din l-Ordni qed tinhareg in rigward ir-reati specifikati fil-mandat ta' arrest ewropew in ezami. Fl-ahharnett din l-ordni qed issir soggetta ghall-artkolu 15(5) u 16 tal-Kapitolu 275 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens illi jekk il-persuna thoss illi xi dritt appartenenti lilhu inkiser, qed jinkiser jew ser jinkiser, ghandu id-dritt li jitlob rimedju taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew skond il-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta'

Malta. Il-Persuna giet informata dwar dak li ghandu kemm inghad.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------